MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Numru 589/2004

**Il-Pulizija**
**(Supt. Peter Paul Zammit)**
**(Spt. Ian J. Abdilla)**
**vs**
**Joseph Zahra**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Joseph Zahra** ta' 50 sena, bin Vincent u Rita nee' Scicluna, mwieled Pieta nhar il-11 t' Ottubru, 1953, residenti 14, Triq il-Melh, Marsaskala u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 704153(M);

Talli f'dawn il-Gzejjer, f'dawn l-ahhar sentejn, b'diversi atti maghmulin minnu, li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizuluzzjoni wahda;

1. bil-qerq holoq tracci, jew gieghel jidher li donnu hemm fatti jew cirkostanzi, sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi jkunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuni ohra, bil-hsieb li dawk il-persuni jkunu jistghu jigu kontra s-sewwa akkuzati jew misjuba hatja ta’ reat;

2. aktar talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, bil-hsieb li jaghmel hsara lil diversi persuni, akkuzahom quddiem awtorita’ kompetenti b’reat filwaqt li kien jaf li dawn il-persuni huma innocenti, liema akkuza falza kienet dwar delitt suggett ghal piena akbar mill-piena ta’ prigunerija ghal zmien sentejn;

3. u aktar talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq it-tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

4. aktar talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta’ l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), xerred ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika, jew jiddisturbaw il-bon-ordni jew il-paci pubblika, jew setghu joholqu agitazzjoni fost il-pubbliku jew fost certi klassijiet tal-pubbliku;

5. u aktar talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament, b’xi mezz imsemmi fl-artikolu 3 ta’ l-Att dwar l-Att dwar l-Istampa (Kap. 248), b’nuqqas ta’ diligenza ordinarja, xerred ahbarijiet foloz illi setghu allarmaw l-opinjoni pubblika, jew iddisturbaw il-bon-ordni jew il-kwiet pubblika, jew setghu joholqu agitazzjoni fost il-pubbliku;

6. u aktar talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi, dolozament b’xi mezz imsemmi fl-Artikolu 3 ta’ l-Att dwar l-Istampa (Kap 248), ta’ malafama lil diversi persuni;

7. u aktar talli fl-istess lok, zminijiet u cirkostanzi hadem bhala gwardjan privat u bi ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali (Kap. 389), jew ta’ xi licenzja mahruga bis-sahha tal-istess Att.

Rat l-artikoli tal-avukat generali li permezz taghhom ordna li l-imputat ikun gudikat minn din il-Qorti ghal dak li hemm ravvizat fl-artikoli 18 , 101, 110 (1), (2), 252 u 533 tal-Kap 9, 9, 10 u 11 (a) tal-Kap 248 u 25 (a) (b) (c) tal-Kap 389;

Rat ukoll in-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imptuat sabiex il-kaz tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat tressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwiegeb ghall-akkuzi fuq indikati wara li l-Onor. Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi kien ordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga allegazzjonijiet li l-imputat kien ghamel tramite rapport bil-miktub dwar ghoti ta’ kuntratt lis-socjeta’ INSO ghall-appart tal-isptar Mater Dei.

**<u>Sfond li fih sehhew l-allegazzjonijiet kontra l-imputat</u>**:

Ikkunsidrat:

Illi SIMED International kienet tefghet tender ghall-bejgh u stallazzjoni ta’ appart fl-isptar Mater Dei. It-tender kien aggudikat favur is-socjeta’ INSO izda SIMED u s-socejta’ Hospitalia appellaw kontra id-decizzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti quddiem il-Bord tal-Appelli dwar Kuntratti Pubblici. Dan il-Bord iddecieda billi skwalifika lill-Hospitalia mill-process tat-tender u annulla d-decizzjoni tad-Direttur tal-Kuntratti ghall-ghoti tal-kuntratt favur INSO u qal li s-SIMED kellha tinghata l-kuntratt wara li jsir process ta’ kjarifika dwar diversi punti. Minkejja li SIMED kienet wiegbet il-mistoqsijiet ta’ kjarifika maghmula lilha, kienet thabbret decizjoni ghall-ghoti tal-kuntratt lill-INSO. Il-Bord tad-Direttur ghall-ghoti tal-Kuntratti kien irrakkomanda li t-tender jinghata lil-INSO u l-Ministru tal-Finanzi kien effettivament iddecieda favur l-istess. SIMED

bdiet tinvestiga ir-ragunijiet li waslu sabiex it-tender jinghata lill-INSO;
Xhieda tal-Prim Ministru:

L-Onorevoli Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi, xehed illi fil-presenza tal-Assistent Personali tieghu, kellu laqgha mal-Avukat Dr. Joseph Fenech, Dr. Raphael Fenech Adami u s-Sur Frank Farrugia, lkoll in rappresentanza tas-SIMED International, fejn dawn prezentawlu rapport redatt minn Joseph Zahra, investigatur privat inkarigat mis-SIMED. Dan ir-rapport esebit bhala Dok. MC3 a fol 49 tal-process qed ikun hawn riprodott *ad litteram* peress illi huwa l-qofol ta' dawn il-proceduri. Dan huwa rapport fuq letter head ta' Quadrant International Investigations ta' 245 Republic Street., Valletta, Malta u ffirmat minn Joseph Zahra –Investigator.

**"Date 25th February 2004**

**Simed International Bv**

**Sietse Zoodsma**
**Managing Director**

**Reference is made to Mater Dei Hospital Investigation. Investigations, so far has reviled the following:**

**On the 26th October 2002:**
**A meeting was held at Il Convento Hotel 137/a Via Speranzella Napoli**
**Between: Claudine Cassar on her own interest and that of her fathers,**
**Joseph V Spiteri**
**And: Marco Fontanelli on behalf of INSO with regards.**
**Mater Dei Hospital**
**And computing contract for Mater Dei Hospital.**

**Meeting started at about 4.00pm and continued out of hotel till about 1.am**

**Cont.......**

**Soon in the morning from Claudine Cassar room no.21 there where registered**
**3 telephone calls to 00356 21 414887 Joseph Spiteri her father**
**2 telephone calls to 00356 21 485689 Sebastian Dalli**

**November 14th, 2002.**

**A meeting was held between Sebastian Dalli Marco Fontanelli at the head office of General electric (Etruia) present also was Glan Luca Cerrina Feroni President.**

**At that same evening Sebastian made several calls on his mobile to Claudine Cassar and Joseph Spiteri.**

**March 12th 2003**

**A meeting was held Hotel Astoria A Boscolo Via del Giglio 9 Florence.**

**There present where: Sebastian Dallli,**
**Claudine Cassar**
**Marco Fontanelli**
**Amedeo Andreini.**

**During this meeting several telephone and mobile calls were made.**
**To Malta. Most of which where intercepted and logged.**
**November 10th 2003,**
**Marco Fontanelli made 2 calls to Claudine Cassar. One at 10am just before he entered to:**
**Banca Poplare di Verona and soon after he came out.**

**December 30th, 2003:**

**A swift passed from Bank Popolare di Verona to Banca Intesa Via Segantine 4 Empoli Firenze. By tele-Banking from marco Fontanelli.**

**January 6th, 2004,**

**Marco Fontanelli transfer 2.3 million euros to**
**Bank Intesa 90 Queen Street, London EC4N ISA**
**On Swift code BCIT GB 2L**
**Administere by Frnaco Aleramo Lanza.**

**January 12th 2004.**

**Bank Intesa of London transfers the same money to Honk Kong Branch The Land Mark 15 Queen's Road Central SAR**

**On swift code BCIT HK HH**

**Cont....**

**At this stage it was noted through telephone conversation that this 2.3 m. Is part of payment before actual payment is done, some payments start to be paid by the Maltese Government.**

**During these last week of investigations I had been lessoning to recording and pickup trails of money.**

**All documentation and recordings came be provided.**
**Some, with legal acts.**
**Others, as I had explained before they will have to be bought.**

**Joseph Zahra**
**Investigator."**

[Din hija replika ezatt tad-Dok MC 3 kif esebit fl-atti tal-process]

Il-Prim Ministru kompla jghid illi malli ra d-dokument, informa lill-dawk prezenti li kien messhom gia ghaddew kollox lill-awtorita' kompetenti biex isiru l-investigazzjonijiet

mehtiega u tahom struzzjonijiet biex minnufih jiehdu kollox ghand il-Pulizija.  Il-Prim Ministru kien esprima l-fehma li mhux kollox kien sew f'dak id-dokument u staqsa fejn kienu d-dokumenti li jsostnu l-allegazzjonijiet.  Dr. Fenech kien wiegbu li, bhalma jinghad fir-rapport, dawk id-dokumenti ikunu jistghu jinxtraw.  Ftit wara, l-Prim Ministru kien ircieva ittra minghand SIMED fejn kienu ghamlu referenza ghal dan ir-rapport u talbuh l-intervent tieghu biex jirrimedja s-sitwazzjoni billi jinvestiga jekk dan it-tender kienx frott ta' korruzzjoni u abbuz ta' awtorita'.  Dakinhar stess, l-Prim Minsistru kien baghat ghall-Kummissarju tal-Pulizija u talbu jinvestiga l-allegazzjonijiet kollha li saru fir-rapport.

**<u>L-investigazzjoni dwar l-allegazzjonijiet tar-Raport MC 3</u>**

**Xhieda tal-Kummissarju tal-Pulizija**:

Illi l-investigazzjonijiet tal-Pulizija kienu mmexxija mill-Kummissarju u dan xehed illi id-dokumenti mghoddija lilu kienu jghidu illi is-socjeta' INSO kienet inghatat tender b'rizultat ta' tixhim ta' xi persuni.  Huwa qal li r-rapport isemmi lil Sebastian Dalli, hu l-Ministru Dalli li dak iz-zmien kien responsabbli mit-tenders tal-Gvern, lis-Sur Spiteri, id-Direttur tal-Kuntratti u t-tifla tieghu Claudine Cassar.  Il-Kummissarju tal-Pulizija qal li kien kellem lil diversi nies bhala parti mill-investigazzjoni u meta baghat ghall-imputat kien beda jkellmu b'mod informali fejn dan spjega kif wasal biex kiteb ir-rapport tieghu u kkonferma l-istess.  Izda wara ftit bdew jirrizultaw diskrepanzi u l-imputat kien imwissi li minn dak il-hin kien meqjus bhala suspettat.  Fil-kors tal-interogazzjoni tieghu, l-imputat biddel il-verzjoni u stqarr li kien ivvinta kollox ghaliex il-klijent tieghu kien wiehed persistenti hafna u ma kellux informazzjoni x'jaghti wara li kien inghata pagament.  Huwa stqarr li kollox kien fabbrikat u ma kellu ebda evidenza li setghet b'xi mod tissonstanzja dawk l-allegazzjonijiet.  Il-Kummissarju kompla jghid illi kellem ukoll lil persuni Maltin msemmija fir-rapport allegatament mhejji mill-imputat u mill-passaporti taghhom irrizultalu li dawn qatt ma kienu msefrin fid-dati indikati fir-rapport oltre

li Claudine Cassar kien l-isptar f'gurnata li hija indikata fl-istess rapport.

Fix-xhieda taghhom, **id-Deputat Kummissarju tal-Pulizija, s-Sur Joseph Cachia u l-Assistent Kummissarju Michael Cassar** kkonfermaw b'mod dettaljat dak li qal il-Kummissarju tal-Pulizija. Is-Sur Cassar esebixxa zewg *audio tapes* Dok MC1 u traskrizzjoni ta' 116-il pagna tal-interrogatorju tal-imputat Dok MC2. L-Ispettur Ian J. Abdilla esebixxa stqarrija tal-imputat datata 26 ta' Lulju 2004 mmarkata Dok IJA 1.

**L-intervista/interrogatorju tal-imputat:**

Id-Dok MC1 huwa traskrizzjoni ta' zewg audio tapes tal-inkontru tal-Pulizija mal-imputat. F'dan l-inkontro kien intqal lill-imputat illi mhux qed jinghata twissija peress illi ma kienx suspettat u li l-Pulizija kienet qed tkellmu biex jghinha fl-investigazzjonijet taghha. Fil-mori tal-intervista, l-imputat inghata it-twissija minhabba l-izvolta li kienet hadet din il-laqgha (ara fol 44 tad-Dok MC1). A fol 74 tal-istess dokument, l-imputat kien registrat li qal li ivvinta kollox, riferibilment ghar-rapport tieghu. A fol 78 jikkonferma illi dak kien kollu gideb u invenzjoni u li ghamel hekk ghaliex min inkarigah kien kontinwament jiffitah ghar-rizultat. Fl-istqarrija qal li pprova jwaqqaf kollox izda kien jircievi madwar ghaxar telefonati kulljum u numru ta' e-mails biex jaghti aktar informazzjoni u ma setax jehles minn min qabbdu u spicca biex ivvinta r-rapport. L-informazzjoni fir-rapport, quantu ismijiet ta' diretturi, socjetajiet esteri u indirizzi taghhom akkwisthom minn fuq l-internet u n-numri tat-telefon tal-persuni Maltin mid-direttorju tal-telefon.

Fil-kors ta' dawn il-proceduri, il-prosekuzzjoni esebiet ukoll dokumentazzjoni mehudha mill-pussess tal-imputat, fosthom, file mmarkat Dok MC2. Dan huwa *envelope file* li jikkontjeni korrispondenza e-mail bejn Joseph Zahra u Sietsa Zoodsma fejn dan tal-ahhar ippropona abbozz ta' kuntratt bejn Professional Private International Ltd, socjeta' gestita minn Joseph Zahra u Simed International bv sabiex il-PPIL tipprovdi kull informazzjoni u

dokumentazzjoni li jista' jkollha dwar l-ghoti tat-tender ghall-appart mediku tal-Mater Dei lil-INSO ghal madwar disghin miljun Euro. Dan l-abbozz jinkorpora korrispettiv ta' 3% favur PPIL f'kaz li s-SIMED tinghata l-kuntratt hi. Hemm ukoll konferma ta' hlas mis-Simed lill-Joseph Zahra ta' Euro 9500 ghas-servizzi tieghu kif ukoll printouts minn websites ta' gurnali Maltin dwar l-ghoti tal-kuntratt lill-INSO.

**Claudine Cassar** xehdet illi hi bint Joseph Spiteri li kien id-Direttur tal-Kuntratti qabel irtira f'Settembru 2003. Cahdet li hi jew il-kumpanija taghha qatt kellhom xi konnessjoni mal-bini tal-Mater Dei. Hekk ukoll cahdet li taf lill-Sebastian Dalli u ddikjarat li l-ewwel darba li qatt ratu kienet fid-Depot meta baghtu ghaliha il-Pulizija. Din xhud ukoll cahdet li kienet taf lil Gianluca Ferrina, Amedeo Andei, Marco Fontanelli jew li qatt kellha xi konnessjoni mal-General Electrics. Claudine Cassar qalet li qatt ma marret Firenze izda kienet zaret Napli f'Lulju tal-2002 u esebiet il-passaporti taghha in sostenn ta' dan. Fuq domanda tal-prosekuzzjoni, ix-xhud qalet li kinet weldet tarbija fit 28 ta' Marzu 2003 u li bejn Awissu tal-2002 sa' Novembru 2003 ma siefret xejn.

**Joseph Spiteri** xehed illi fis-7 ta' Settembru 2003 huwa irtira u qabel dan kien jokkupa l-kariga ta' Direttur tal-Kuntratti mil-1993 u sussegwentement ta' Direttur Generali. Dan ix-xhud kkonferma li jaf lill-Sabastian Dalli bhala kuntrattur li gieli rebah tenders u li meta kellmu kien biss in konnessjoni ma' problemi komuni ma' tenderers ohrjan fi kwistjonijijet ta' dewmien, nuqqas ta' pjanti u problemi simili, izda cahad li qatt kellmu dwar il-kuntratt tal-Mater Dei. Huwa ddikjara li qatt ma sema b'Marco Fontanelli jew Gianluca Peroni izda ma mistoqsi dwar Amedeo Andreini qal li jissuspetta illi l-isem Amedeo jista' jkun reletat mal-INSO, konkluzzjoni li ghamel seduta stante ghaliex gieli sema persuni mid-delegazzjoni tal-INSO isejhulu hekk. Huwa qal ukoll illi meta l-INSO kienu mitluba jiccaraw xi punti teknici kienu General Electrics li akkumpanjaw lid-dirigenti tal-INSO biex jaghmlu dan. Huwa ddikjara li bintu Claudine qatt ma kellha x'taqsam fix-xoghol tieghu kif ukoll li anqas biss jaf jekk jezisti l-

bank Intesa ta’ Londra jew ta’ Hong Kong jew ta’ pajjiz iehor jew il-Banca Popolare di Verona. Finalment dan ix-xhud cahad b’mod assolut li qatt ghaddew flus fil-kontijiet bankarji personali tieghu dwar dan il-kuntratt.

**Sebastian Dalli** ukoll ha l-pendana tax-xhieda u dan cahad li hu jew is-socjeta’ tieghu qatt kellhom konnessjoni mat-tender tal-apparat mediku fl-isptar Mater Dei. Huwa ddikjara ukoll li m jafx min huma Claudine Cassar, Marco Fontanelli, Gianluca Carina Peroni jew Amedeo Andreini. Huwa qatt ma kellu negozju mal-General Electrics u li kien mar Napli u Firenze xi ghaxar snin ilu u li qatt ma kien alloggja fil-lukanda Povento ta’ Napli jew li kellu laqgha ma’ Claudine Cassar, Marco Fontanelli u Amedeo Andreini fil-Lastonia Hotel f’Firenze. Dan ix-xhud ukoll esebixxa l-passaport tieghu kif rikjest mill-prosekuzzjoni fejn ma rrizulta ebda vjagg kif allegat fir-rapport Dok MC1.

**Frank Farrugia**, Managing Director tas-socjeta’ Alcom Enterprises, l-agenti Malta tas-socjeta’ Simed, xehed illi wara li l-kuntratt in kwistjoni kien rakkomandat favur INSO, fuq talba tas-socjeta’ Medea huwa kien irrakkomanda lill-imputat u dan hejja rapport li baghat lil Simed izda dawn ma kienux interessati ghaliex riedu jmorru ghall-process tal-appell. Wara li l-Bord tal-Appell kien irrevoka id-decizzjoni li l-kuntratt jinghata lill-INSO u li minflok identifika lil SIMED, ix-xhud kien infurmat illi kienet ittiehdet decizjoni li l-kuntratt xorta jinghata lil INSO. Dirigenti tas-SIMED waslu Malta biex ihejju ittra ta’ protesta u fi triqithom lejn l-airport ircevew telefonata mill-Ambaxxata Olandiza li t-tender kien inghata lill-INSO. Kien f’dan l-isfond li Zoodsma inkariga lill-imputat biex jinvestiga. Is-Sur Zahra kien prezenta r-rapport tieghu f’laqgha fejn kien prezenti hu, Dr. Joseph Fenech, Dr. Raphael Fenech Adami, Sietse Zoodsma. Zoodsma kien talab aktar dokumenti izda l-imputat infurmah illi hu kien intalab is-somma ta’ miljun euro biex jinghata dawn id-dokumenti. Ix-xhud qal li jiftakar lill-imputat jghid li l-informazjoni kien gabha minghand is-servizzi sigrieti Taljani u qal li jekk ma jirnexilux jakkwista id-dokumenti lest li jaghmel affidavit biex jikkonferma il-kontenut tar-rapport u minn hemm il-Pulizija ikunu jistghu jinvestigaw l-

informazzjoni kollha. Wara li l-assikurazzjoni, kien deciz li r-rapport jintbaghat lil Prim Ministru.
PC 443 Vincent Mifsud, xehed illi minn tfittxija li ghamel ma tirrizulta ebda licenzja f'isem l-imputat jew agenzija gestita minnu ghal Private Guard Local Warden.

**<u>Provi tad-Difiza</u>**:

L-imputat ma ressaq l-ebda xhud in difeza.

Ikkunsidrat:

Illi huwa pacifiku illi l-origini ta' akkuzi addebitati lill-imputat huwa r-rapport minnu redatt Dok MC4. Irrizulta, izda illi l-kontenut ta' dan ir-rapport ma kienx minnu ghaliex kien kollu ivvintat mill-imputat. In succint, ir-rapport jaghti x'jifhem illi wara diversi laqghat bejn persuni Maltin u ohrajn barranin fl-esteru, t-tender ghall-kuntratt ghax-xiri tal-appart fl-isptar Mater Dei kien aggudikat favur is-socjeta' INSO u minn hemm 'l quddiem bdew trasferimenti ta' fondi minn bank ghall-iehor. L-awtur ried jaghti x'jifhem illi l-persuni li ssemmew fir-raport kienu involuti biex it-tender jinghata lil-INSO tant li dawn thallsu flejjes kbar bhala rigal. Ta' din il-fatt l-imputat tressaq biex iwiegeb ghall-sitt akkuzi li prima facie jidhru li huma akkuza wahda jew almenu komprizi f'xulxin. Minkejja dan, kull akkuza hija distinta mill-ohra kif ser jinghad f'dawn il-konsiderazzjonijiet:

**L-ewwel tlett akkuzi:**

Dawn l-akkuzi huma dawk ravvizati fl-artikolu 110 (1), 101 u 110 (2) rispettivament. Hawnhekk ukoll jista' jkun miftiehem illi ma hemm l'ebda differenza bejn dawn it-tlett rejati u b'mod partikolari bejn l-ewwel u t-tielet akkuza. Fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs David Mizzi (deciza 16 ta' Frar 1998)** qalet hekk:

**Ir-reat ikkontemplat fis-subartikolu (1) tal-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali hu dak tal-kalunja reali jew indiretta, u jiddistingwi ruhu mill-kalunja verbali jew diretta ikkontemplata fl-artikolu 101 billi jirrikjedi li l-agent ikun, b'qerq, materjalment holoq, jew materjalment gieghel li jidher li hemm bhala prova kontra persuna ohra. Kemm fil-kalunja diretta kif ukoll f'dik indiretta, l-elementi formali tar-reat jikkonsisti filli wiehed ikollu l-hsieb li jaghmel hsara lil persuna ohra, billi jaghmel mill-gustizzja strument ta' ingustizzja kontra dik il-persuna l-ohra. Fi kliem iehor, ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110 (1) mhux bizzejjed is-semplici kliem, migjuba bil-fomm jew bil-miktub, li permezz taghhom wiehed dolozament jakkuza persuna quddiem awtorita' kompetenti b'fatti ammontanti ghal reat meta jkun jaf li dik il-persuna hi innocenti, izda hu mentieg li jinholqu tracci jew indizji <u>materjali</u> bil-hsieb li dawn ikunu jistghu jintuzaw kontra dik il-persuna. ...**

**Kwantu ghar-reat ikkontemplat fis-subartikolu (2) tal-artikolu 101, is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simulazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat ikun sar.**

Dan ghalhekk iwassal ghall-konkluzzjoni illi fil-waqt illi l-artikolu 101 jitratta ir-reat ta' kalunja diretta filwaqt illi l-artikolu 110 (1) jikkontempla l-kalunja reali jew indiretta konsistenti fil-hsieb li wiehed jista' jkollu biex jaghmel hsara lill-persuna ohra. L-artikolu 110 (2) imbaghad jiddistingwi ruhu mill-artikolu 110 (1) billi jipprovdi ghar-rejat fejn persuna johloq tracci ta' reat biex jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex tizgura li dak ir-reat ikun sar.

<u>**L-ewwel akkuza:**</u>

Il-Kalunja reali jew indiretta kontemplata f'dan ir-reat tavvera ruhha meta l-agent ikun holoq haga materjali li tista' 'l quddiem tingieb bi prova kontra persuna ohra. L-

oggett materjali huwa bla dubju ir-rapport tal-imputat Dok MC4. F’dan ir-rapport huwa holoq tracci bhalma huma dati ta’ vjaggi, allogg f’lukandi, rapport ta’ telefonati, laqghat bejn persuni u trasferiment ta’ flus minn bank ghall-iehor fuq numri ta’ kontijiet bankarji lkoll ivvintati mill-imputat. Il-prosekuzzjoni ippruvat illi l-awtur ta’ dan l-oggett materjali huwa l-imputat. Fl-istqarrija tieghu l-imputat ikkonferma illi r-rapport li spicca ghand il-Prim Ministru u li kien mertu ta’ investigazzjoni huwa tieghu. Di piu l-imputat kien stqarr ukoll illi il-kontenut tar-rapport mhux minnu izda kien kollu ivvintat. Skond il-Prof. Mamo a fol 58 ta’ **Notes on Criminal Law**, ir-reat ma jkunx kkonsmat hlief jekk t-tracci jew cirkostanzi jkunu gew a konjizzjoni tal-awtoritajiet kompetenti kif fil-fatt gew. Ghalhekk, dan ir-rapport qieghed jitqies bhal l-oggett materjali u cioe l-fatti jew cirkostanzi li ghalih jirreferi l-artikolu 110 (1).

Dan l-oggett materjali wahdu ma jammontaw ghall-kommissjoni tar-reat ghaliex jehtieg li jkun akkumpanjat bix-xjenza tal-imputat, f’dan il-kaz il-holqien ta’ tracci bil-qerq, u cioe bi skop illi dawn it-tracci jistghu jservu ta’ prova kontra persuni fi proceduri kontrihom. F’dan ir-rigward ma hemmx il-prova daqshekk lampanti illi l-imputat ried johloq dawn it-tracci biex persuna jew persuni partikolari ikunu processati bhal f’kaz ta’ vendikazzjoni minn persuna kontra ohra. Minkejja dan, huwa pacifiku, illi tali prova mhix rikjesta ghaliex huwa sufficjenti ghall-prosekuzzjoni li tipprova illi l-imputat seta jipprevedi l-konsegwenzi u cioe’ li l-holqien ta’ tali tracci jew cirkostanzi **setghu** ‘il quddiem iwasslu ghal-provi kontra peruna ohra. Il-mistoqsija dwar jekk l-imputat ghandux jitqies bhala persuna li ragonevolment setghet tipprevjeni l-konsegwenzi tal-agir taghha dejjem issir fil-kuntest ta’ jekk dak l-imputat ghandux jitqies bhala the “average jew common man in the street”. L-imputat huwa persuna li fi zmien kien membru tal-korp tal-Pulizija. Fl-istqarrija tieghu ikkonferma li kien Pulizija u li illum il-gurnata huwa investigatur privat. Oltre dan, fl-istess stqarrija, l-imputat iddikjara kemm il-darba illi huwa telaq minn Pulizija biex jaghmel ix-xoghol ta’ Pulizija. Dan qalu ghaliex, skond hu, ix-xoghol ta’ Pulizija ma setax jaghmlu kemm il-darba

jibqa’ kostrett fl-ambjent tal-Korp. Dan kollu jnehhi lill-imputat mill-keffa tal-“common man” meta si tratta ta’ xjenza u poter li jipprevjeni il-konsegwenzi tal-agir tieghu. Ghalhekk il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju illi l-imputat kellu il-kapacita li jirrealizza illi dak li kiteb fir-rapport tieghu seta facilment ikollu il-konsegwenza indesiderata li persuni ikollhom iwiegbu ghall-falsitajiet minnu mahluqa. Oltre dan, l-imputat kien lest li jikkonferma il-kontenut tar-rapport quddiem Magistrat qabel ma ttiehdet decizzjoni li dan ir-rapport ikun svelat lill-awtoritajiet (ara xhieda ta’ Dr. Joseph Fenech a fol 58). Minkejja li r-rapport tieghu kien gia redatt huwa kien ghadu fil-posizzjoni li jirtira l-allegazzjonijiet izda iddecieda li jikkonvinci lill-principali tieghu li dak kien kollu minnu. Ghalhekk fil-fehma tal-Qorti l-elementi ta’ dan ir-reat ravvizat fl-ewwel akkuza li tikkontempla l-art 110 (1) tal-Kap 9 huma pruvati;

**It-tieni akkuza:**

It-tieni akkuza hija dik kontemplata fl-artikolu 101 li jipprodi hekk:
**101.** (1) Kull min bil-hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna,
jakkuza lil dik il-persuna quddiem awtorità kompetenti b’reat,
filwaqt li jkun jaf li dik il-persuna hija innocenti, ghall-fatt biss li
jkun akkuzaha, jehel, meta jinsab hati -

Dan ir-reat huwa maghruf bhala kalunja verbali jew indiretta fil-gurisprudenza. L-element formali ta’ dan ir-reat huwa l-hsieb li wiehed ikollu biex jaghmel hsara lil persuna ohra. Izda dan jehtieg li jkun precedut bid-denunzja lill-awtorita’ kompetenti. Oltre dan hemm ukoll ir-rekwizit li minn jaghmel id-denunzja ikun jaf li d-denunzjat ikun innocenti. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs George Grech deciz fit-22 ta’ Lulju 1996,** il-Qorti irriteniet illi minkejja illi l-ligi tippreskrivi l-formalita’ li ghandha tkun osservata fl-ghemil tad-denunzja lill-Pulizija, “n-nuqqas ta’ formalita’ m’ghandiex tipprekludi lil-pulizija milli tinvestiga reati allegati permezz ta’ denunzja nieqsa minn din il-formalita’. Anzi l-Puizija hija fid-dmir fid-dmir li tagixxi anke fuq informazzjoni li

taslilha permezz ta’ tali denunzja monka. Effettivament huwa dmir tal-Pulizija li “zzomm l-ordni u l-kwiet pubbliku, li ma thallix isiru ireati, li tikxef u tinvestiga r-reati li jsiru, li tigbor il-provi...”. Issa fil-kaz in dizamina, d-difensur tal-imputat fis-sottomissjonijiet tieghu jikkontendi illi l-imputat qatt ma mar ghand il-Pulizija biex jaghmel xi rapport jew denunzja. Huwa pprezenta ir-rapport tieghu lil persuni la wahdehom u anqas flimkien ma jirraprezentaw xi awtorita’ kif rikjest fl-artikolu 101. Dwar l-ewwel punt sollevat mid-difiza, il-Mamo fin-notamenti citati a fol 53 jghid illi din id-denunza tista’ tkun “any act which is calculated to give rise to criminal proceedings against an innocent person is sufficient”. Minkejja dan, jehtieg izda li id-denunzja, fi kwalunkwe forma taghha, tkun saret quddiem awtorita’ kompetenti. L-istess Mamo jiccita sentenza tal-**Appell Kriminali 24.10.1951 Pulizija vs N. Brincat** et, fejn kien ritenut illi f’sitwazzjoni fejn id-denunzja ssir fil-forma ta’ risposta ghall-mistoqsija tal-Pulizija, ir-reat in dizamina ma jinkwadrax izda jikwadra dak tal-malafama. Ghalkemm dan mhux prettament marbut mal-punt sollevat dwar min hi l-“awtorita” din il-Qorti tqis illi l-kaz citat jitfa’ oneru fuq il-gudikant biex jara li tali denunzja, fi kwalsiasi forma, tkun saret skond il-ligi u f’dan il-kaz huwa rekwizit illi id-denunzja tkun saret lill-awtrotia’ kompetenti. Mix-xhieda ta’ Dr. Joseph Fenech a fol 58 u 59 l-imputat kien imwissi biex igib il-provi mehtiega ghaliex l-akkuzi fir-rapport huma serji u li l-istess Dr. Fenech kien ser iwassal ir-rapport lill-awtoritajiet. Dan kien ukoll imwissi mix-xhud Frank Farrugia u l-imputat qal li l-informazzjoni kien ottjenija mis-servizzi sigrieti Taljani (ara fol 186) u ikkonferma li kien lest jaghmel affidavit quddiem Magistrat. Issa, sa dak il-hin, ir-rapport kien ghandu bejn il-partijiet izda l-imputat kien imwissi illi dan kien ser ikun zvelat lill-awtoritajiet. Huwa seta waqqaf kollox izda dan ma ghamlux u ghalhekk bl-istess ragunament dwar l-ewwel akkuza, il-Qorti hi tal-fehma illi huwa sodisfatt ir-rekwizit li d-denunzja effetivament saret lill-awtoritajiet kompetenti kif rikjest mill-artikolu 101.

Illi dwar l-elementi l-ohra ta dan ir-reat, din il-Qorti mhix taghmel referenza ghall-mottivi taghha dwar l-ewwel akkuza dwar x-xjenza tal-imputat li tali rapport seta

jwassal biex tkun akkuzata persuna. Inoltre l-imputat, kif minnu mistqarr, kien jaf li dawn il-persuni kienu innocenti. Ghalhekk, anke f'dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ippruvat l-elementi kollha dwar dan ir-reat ravvizat fl-artikolu 101;

**It-Tielet akkuza**:

It-tielet akkuza hija dik ravvizata fl-artikoli 110 (2) tal-Kap 9 fejn dan jipprovdi ghall-holqien ta' tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ireat kien sar. Fis-sentenza fuq citata Il-Pulizija vs David Mizzi, il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi "s-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal fil-kaz tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni verbali jew diretta u simujlazzjoni reali jew indiretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar." Fil-kaz in dizamina, l-imputat holoq rapport fejn juri, b'mod konvincenti, illi t-tender inghata fl-istess hin meta kienu saru laqghat bejn nies li kellhom interess dirett: it-tifla tad-direttur tal-kuntratti; hu l-Ministru tal-Finanzi li kellu d-diskrezzjoni assoluta lil min jaghti t-tender u d-Direttur tal-Kuntratti stess flimkien mad-dirigenti tal-INSO. Dan ikompli jibni storja fejn kien ghaddew somom ta' flus kbar b'numru ta' kontijiet biex tintilef it-tracca tal-provenjenza. Aktar minn hekk, il-prosekuzzjoni ma setghetx tipprova u din il-Qorti ghalhekk tqis illi din l-akkuza hija ukoll pruvata.

**Ir-raba, il-hames u s-sitt akkuza skond il-Kap 248:**

Ikkunsidrat illi skond l-insenjament tal-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Sciberras u Maria Lourdes Sciberras deciza fl-20 ta' Jannar, 1997** il-ligi tal-istampa hija applikabbli meta jkun hemm "stampat" u "pubblikazzjoni". Fil-fehma tal-Qorti, skond l-artikolu 2 tal-Kap 248 "stampat" tfisser, fost hwejjeg ohra: "... kull kitba stampata b'tipi tipografici jew bil-litografija jew b'mezzi jew processi ohra bhal dawn fuq karta jew sustanza ohra..." oltre dan l-artikolu 2 jiddefinixxi publikazzjoni bhala li tfisser: "Kull att li bih kull stampat jigi jew jista' jigi kkomunikat jew imgharraf lil xi persuna jew li

bih kliem jew immagini vizwali jigu mxandra”. F’dak il-kaz kien meqjus bhala stampat ittra miktuba bil-computer b’tipi tipografici. Kien meqjus ukoll bhala pubblikat ittra ta’ avukat miktuba fuq inkarigu tal-klijent u l-Qorti ddecidiet illi dan jammonta ghall-publikazzjoni anke stampat komunikat jew mgharraf lil persuna wahda.

Illi l-applikabilita’ o meno tal-Kap 248 kien prattikament l-uniku ostakolu li kellha tissorvola din il-Qorti. Darba stabilit li l-Kap 248 huwa applikabbli ghal kaz in dizamina, ma hemm l-ebda htiega li din il-Qorti tidhol fid-dettall dwar l-elementi tar-rejati kif ravvizati fl-artikoli 9, 10 u 11 tal-Kap 248. Il-Qorti, invece, ezaminat bir-reqqa id-decide tal-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Il-Pulizija vs Av. Dottor Ugo Mifsud Bonnici B.A., LL.D., Michael Schiavone u Paul Spiteri (deciza fl-4 ta’ Marzu 1983)** u meta mqabbla mal-kaz in dizamina, din il-Qorti tqis illi l-kontenut tar-rapport tal-imputat Dok MC4 jammonta ghal-tixrid ta’ ahbarijiet foloz illi jistghu jallarmaw l-opinjoni pubblika (art 9 u art 10) u li l-agir tal-imputat fl-istampar u pubblikazzjoni tar-rapport sar b’mod doluz u nuqqas ta’ diligenza da parti tieghu. Dan l-agir ukoll ta malafama lill-kull min hu msemmi fir-rapport stante li huma attribwiti allegazzjonijiet serji ta’ korruzzjoni u tixhim sia minn persuni f’ufficcji gholja kif ukoll minn persuni ohra li ma jokkpawx l-istess grad.

**Is-seba akkuza**:

L-imputat ikkonferma kemm il-darba fl-istqarrija tieghu illi huwa kien qed jahdem bhala Private Investigator. Il-prosekuzzjoni rressqet provi biex turi illi l-imputat kien tqabbad bhala investigatur privat kif ukoll illi ma kellux licenzja skond il-ligi sabiex jaghmel dan ix-xoghol. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din l-akkuza hija ukoll pruvata;

**L-akkuza mizjuda mill-avukat generali dwar l-artikolu 252 tal-Kap 9.**

Illi fir-rinviju ghall-gudizzju l-avukat zied mal-akkuzi meta indika ukoll l-artikolu 252 tal-Kap 9.

L-elementi ta’ dan ir-reat jikkonsistu fl-intenzjoni tal-agent li jnaqqas jew itellef il-gieh ta’ persuna ohra u fl-element materjali tal-agent li jweggha lill-haddiehor kliem jew kitba. Kif gia intqal aktar ‘l fuq, l-imputat huwa tenut li kellu l-intenzjoni li jikkommetti dan ir-reat anke jekk seta jippercepixxi l-possibilita li l-persuna indirizzata tkun offiza bl-azzjoni tieghu. Il-Qorti hi tal-fehma li m’ghandhiex ghalfejn telabora aktar dwar il-fatt illi r-rapport Dok MC4 huwa xoghol tal-imputat li fih isemmi persuni li ma kellhom x’jaqsmu xejn ma dak li ivvinta dwarhom – hwejjeg li bla ebda ombra ta’ dubju ihammgu u jtellfu r-reputazzjoni ta’ dawk li huma diretti lejhom. Ghalhekk tqis illi dan huwa ukoll pruvat fil-grad li trid il-ligi.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 17 (b), 18 , 101, 110 (1), (2), 109, 252 u 533 tal-Kap 9, 9, 10 u 11 (a) tal-Kap 248 u 25 (b) tal-Kap 389;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont li r-rapport tal-imputat mertu tal-kawza fih alleggazzjonijiet fittizzji ta’ skandlu nazzjonali u li seta ta lok ghal-proceduri kriminali kontra persuni innocenti u seta ukoll kellu riperkussjonijiet serjissimi, il-Qorti ma tistax ma tkunx severa mal-imputat fil-piena tieghu. Ghalhekk qed tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ zmien sentejn (2) mil-lum, liema perjodu huwa komputat skond l-art. 17 (b) tal-Kap 9.

Inoltre qieghda tinterdixxi b’mod generali lill-imputat ghal-perjodu ta’ hames snin mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------